MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 353/2002/1

**Avviz Numru 1028/02 AJD**
**Paul Chetuti**

**vs**

**Charles Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mija u lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm 701.86) rapprezentanti ammont dovut lill-attur in linea ta’ danni kkagunati lilu bhala rizultat ta’ ncident stradali li sehh fis-7 ta’ Marzu 2001, fi Triq Salvu Gullaimier, Santa Venera bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MEC 278, propjeta’ tal-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAE 893 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut

minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-egolamenti tat-traffiku da part ital-konvenut.
Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-ittra legali datata 4 ta' Dicembru 2001.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante illi l-incident stradali sehh unikament tort ta' Andre' Chetuti, is-sewwieq tal-vettura propjeta' tal-attur.

Sema' x-xhieda ta' Andre' Chetcuti,  ta' Dr. Jean Philippe Chetcuti, tal-konvenut Charles Borg, Anthony Mizzi u ta' PS 570 Joseph Cilia. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh  fis-7 ta' Marzu 2001, fi Triq Salvu Gullaimier, Santa Venera bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MEC 278 misjuqa minn Andre' Chetcuti u propjeta' tal-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjooni LAE 893 misjuqa mill-konvenut.

Illi Andre' Chetcuti kien qed jiprocedi fl-imsemmija triq sejjer fid-direzzjoni ta' B'Kara filwaqt li l-konvenut kien hiereg minn 'parking space' fuq in-naha tal-lemin ta' Chetcuti. Il-konvenut kien parkeggjat kontra l-'flow of traffic' u ghalhekk ried jaqsam karreggjata sabiex jidhol fil-'flow of traffic'. Malli huwa ppunta l-vettura tieghu il-barra mill-'parking space' sehh l-impatt mal-vettura ta' Chetcuti li kif intqal aktar il-fuq kien qed jiprocedi fid-direzzjoni ta' B'Kara.

Illi l-konvenut isostni li Chetcuti kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq u li ghalhekk huwa ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident.

Mir-ritratt esebit mill-konvenut stess ( wara fol. 13 tal-process) u mill-iskizz   jidher li t-triq in kwistjoni hija pjuttost dejqa u li kien hemm vetturi parkeggjati fuq iz-

zewg nahat tat-triq li ghalhekk irrestringew ulterjorment il-parti karreggjabbli tat-triq. Chetcuti jsostni wkoll li t-triq in kwistjoni kienet ‘One Way’ fiz-zmien tal-incident izda s-Surgent li nvestiga l-kaz jghid li ma jiftakarx jekk it-triq effettivament kienetx ‘One Way’. Mir-ritratt u mill-iskizz jidher pjuttost car li Chetcuti fil-fatt kien qed isuq parzjalment fuq in-naha l-hazina tat-triq.

Illi fix-xhieda tieghu tat-28 ta’ Ottubru 2002 il-konvenut jghid li qabel ma beda jipponta l-barra mill-‘parking space’ “jiena xhelt is-sinjal, harist minn wara u minn quddiem biex nara humiex gejjin karozzi, tajt aktar attenzjoni lejn quddiem. Meta kelli parti mill-karozza mahruga mill-‘parking space’ hassejt daqqa fuq il-bieba tal-passiggier u parti mill-‘mudguard’ ta’ wara.” Mir-rapport tal-Pulizija ( a fol. 47 et seq.) jirrizulta li l-verzjoni ta' ’if sehh l-incident moghtija mill-konvenut a tempo vergine hija daqxejn differenti fis-sens li fl-imsemmi rapport insibu li “Borg stated that before emerging from a parking place he looked in front of him to see if any traffic was coming, and on seeing none he commenced on moving slowly when all of a sudden van number MEC 278 came from behind and dashed into his car”. It-Ttribunal huwa aktar propens li jemmen il-verzjoni moghtija ‘a tempo vergine’ u cioe’ li l-konvenut hares biss il-quddiem qabel ma huwa beda hiereg mill-‘parking space’ u fi kwalunkwe kaz anki fix-xhieda tieghu huwa ammetta li ta aktar attenzjoni ghat-traffiku gej min-naha ta’ quddiem. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut kellu juza’ l-massima prudenza u kellu r-responsabilita’ shiha li ma jazzardax johrog mill-‘parking space’ u jirfes ghal fuq il-parti karregjabbli tat-triq qabel ma jkun accerta ruhu ghal kollox li dik kienet hielsa minn kull traffiku fiz-zewg direzzjonijiet. Huwa ma kelllu d-dritt jassumi xejn fir-rigward tas-sewqan fuq it-triq li fuqha xtaq jjirfes u kellu ghalhekk jaccerta ruhu li ma kienx gej traffiku miz-zewg direzzjonijiet qabel ma jittenta johrog mill-'parking space'. Huwa minnu li kif diga ntqal aktar il-fuq, Andre’ Chetcuti kien qed isuq parzjalment ‘wrong side’, u dan anki minhabba d-daqs tal-vettura tieghu,  l-fatt li t-triq in kwistjoni kienet dejqa u li l-vetturi fuq iz-zewg nahat tat-triq illimitaw il-wisgha tal-kareggjata ta’ dik it-triq, izda dan ma jfissirx li Chetcuti kellu xi htija ghall-incident. F’dan ir-

rigward issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-2 ta' Novembru 2001 fil-kawza fl-**ismijiet 'GasanMamo Insurance Agency Limited vs Cecil Bartoli' (Citaz. Nru. 266/00SM)** fejn intqal is-segwenti:

***"Utenti tat-triq kellhom kull dritt jesigu illi l-ebda vettura hierga minn go garage ma tostakolahom fi triqthom. Hi ghal kollox zbaljata s-sottomissjoni illi l-fatt li utent tat-triq ikun fuq in-naha l-hazina tat-triq, jew anqas u anqas on the crown of the road, kienet necessarjament tfisser li dan kellu xi htija ghall-incident. Multo magis meta s-sinistru jsehh ma' vettura hierga minn go triq laterali minuri u anqas u anqas minn go garage. Hu elementari l-principju li min ikun hiereg minn go garage kellu juza l-massima prudenza, specjalment jekk il-vizwali tieghu ghal gol-main road fiz-zewg direzzjonijiet tkun b'xi mod ostakolata, kif kienet f'dan il-kaz, b'vetturi parkeggjati. Kien jinkombi fuq il-konvenut allura l-obbligu ta' edging out biex jesplora sewwa t-triq u kien assolutament zbaljat li jissottometti li hu kellu d-dritt jistenna li l-ebda traffiku ma jitla' minn Amery Street fuq in-naha l-hazina tat-triq."***

Illi l-kaz appena citat kien jitratta dwar sewwieq hiereg minn garaxx izda l-principju hemm stabbilit certament japplika ghal kaz odjern fejn il-konvenut kien hiereg ghal fuq it-triq minn 'parking space'. Hu manifest li l-konvenut naqas mill-obbligu primarju hawn fuq citat u cioe' dak li jesplora sew it-triq qabel ma jemergi mill-parkegg u dan il-fatt huwa bizzejjed biex jakkollah ghar-responsabilita' shiha ghall-akkadut.

Illi t-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-2 ta' Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet **'Elmo Insurance Services Limited noe et' (Cit. Nru. 821/99MM)** fejn il-kaz kien jirrigwarda 'side road user' li ttenta jjohrog ghal fuq it-triq principali u hares biss lejn il-lemin tat-triq (u cioe' n-naha mnejn kien qed jippretendi li jigu karozzi). Il-Qorti tal-

Appell irriteniet li dan is-'side road user' li ghazel li johrog ghal fuq it-triq principali minghajr ma accerta ruhu li kienet hielsa mit-traffiku, ghamel dan a riskju tieghu. F'dan il-kaz l-istess Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:-

***"Hu stabbilit ormai illi l-fatt biss illi wiehed jinzerta jkun fuq in-naha l-hazina tat-triq ma kienx element determinanti ghall-htija. L-utent tat-triq kellu infatti l-possibilita' li juza l-karreggjata kollha sakemm ikun jista' jaghmel dan minghajr hsara ghalih innifsu u ghal traffiku iehor".***

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-kawza prossima u immedjata tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna kien il-fatt li l-konvenut naqas milli jzomm 'a proper lookout' fil-mument li ddecieda li johrog mill-'parking space' u ghalhekk huwa ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-akkadut.

Illi l-'quantum' tad-danni reklamati mill-attur bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-attur prezenta l-ircevuti relattivi u s-surveyor tal-assikurazzjoni tal-konvenut xehed u kkonferma li t-tiswijiet saru skond is-'survey report' minnu mhejji.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm 701.86), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------